MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 432/2002

**Avviz numru 432/02 DM**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Greta Lufi sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Edward Frendo Jones**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm4,073) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta’ periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tal-20 ta’ Jannar, 2001, fi Triq Sant’ Andrija, Pembroke, St. Andrews, bejn il-vettura numru LFJ 010 misjuqa minnu u l-vettura numru

LUF 111 misjuqa mill-assigurata Greta Lufi, prevja dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi LM3 tar-'Road Accident Report', LM6 tal-konsult u ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju, 2001, u ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tieghu, li gie ngunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Sa minn qabel saret din il-kawza, qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti ta' l-eccipjent jew tal-assikurazzjoni tieghu sabiex issir favur is-socjeta' attrici likwidazzjoni u hlas tad-danni minnha attwalment subiti bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni.
2. Sa minn qabel saret din il-kawza, il-kontestazzjoni bejn il-kontendenti kienet dwar il-*quantum* tad-danni li s-socjeta' attrici qed tippretendi. Fil-fatt id-danni attrici huma esagerati u jmorru oltre l-*quantum* minnha materjalment subit bhala konsegwenza diretta tal-incident in esami. Ghalhekk bl-ammont li qed tippretendi, is-socjeta' attrici mhix qed timmitiga d-danni taghha kif hija obbligata taghmel.
3. Fil-kaz li tirrizulta fondata t-tieni eccezzjoni, l-eccipjent m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti, senjatament mid-dokumenti esibiti fl-atti ta' din il-kawza, jirrizulta ampjament illi ma kien hemm qatt kwistjoni bejn il-kontendenti dwar ir-responsabbilta' ghall-

incident in kwistjoni billi, sa mill-1 ta’ Awwissu, 2001, il-kumpanija assikuratrici tal-konvenut kienet accettat ir-responsabbilita’ ghall-incident u l-kontestazzjoni bejn iz-zewg kumpaniji assikuratrici kienet tirrigwarda esklussivament il-*quantum* tad-danni.

Fil-waqt illi l-atturi qieghdin jitolbu li ghandhom jigu kkompensati fis-somma ta’ erba’ telef, u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm4,073.00), kif indikat fl-avviz, il-kumpanija assikuratrici tal-konvenut tikkontendi illi l-*quantum* tad-danni ghandu jkun inqas u kienet effettivament offriet li thallas fl-ahhar nett somma komplessiva ta’ tlett elef, mitejn u sebghin lira Maltin (Lm3,270).

Ghalhekk il-konmpitu ta’ din il-Qorti, kif awtorizzata mill-istess kontendenti, huwa li, wara li tanalizza d-dokumenti esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija tistabilixxi *arbitrio buoni viri* l-*quantum* tad-danni dovut mill-konvenut lill-atturi u dan minghajr assistenza ta’ ebda espert tekniku.

Ghalhekk dak li jrid jigi stabbilit fl-ewwel lok huwa l-‘pre-accident value’ tal-vettura ossija l-valur li’ din il-vettura seta’ kellha fuq is-suq fl-istat li kienet qabel il-kollizjoni in kwistjoni. Wara, billi din il-vettura kienet giet ikkunsidrata bhala ‘total loss’ ossija ‘beyond economical repair’ stante d-danni estensivi li kienet sofriet, ghandu fit-tieni lok jigi stabbilit x’seta’ kien il-valur fis-suq tal-vettura fl-istat danneggjat li kienet tinstab fih wara l-habta.

Billi l-atturi zammew ghandhom il-vettura ddaneggjata, sabiex ikun jista’ jigi ikkomputat il-*quantum* tad-danni, irid jitnaqqas dak li jghidulu r-‘wreck value’ mill-‘pre accident value’.

Sfortunatament ma saret ebda stima mis-‘surveyor’ dwar il-valur tal-vettura qabel ma giet involuta fil-kollizjoni.

Izda tenut kont tal-valur indikat fil-‘Motors Vehicles Value’ tal-2001 mahrug mill-‘Malta Insurance Association’, u tenut kont illi l-assikurata mall-kumpanija attrici, l-proprjetarja tal-vettura nvoluta fil-kollizjoni, giet imhallsa, u effettivament accettat ghas-saldu tal-valur tal-vettura

taghha, s-somma ta’ erba’ t’elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500), il-Qorti ssib illi, fin-nuqqas ta’ xi ndikazzjonijiet illi l-vettura ma kienitx mizmuma fi stat tajjeb, il-valur fis-somma ta’ erba’ t’elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) bhala ‘pre accident value’ ghandhu jitqies illi huwa gustifikat.

Pero’ ghal dak li jirrigwarda ir-‘wreck value’, ghalkemm il-kumpanija attrici ssostni illi effettivament kienet ittrasferiet il-vettura kif dannegjata ghas-somma ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm450), billi mir-rapport tas-‘surveyor’, Natalino Agius, jirrizulta illi, fl-istat li kienet meta ezaminaha, din il-vettura setghet kellha valur ta’ madwar elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300), minhabba r-riserva li ghamel l-istess ‘surveyor’ dwar xi hsarat ulterjuri li setghu jigu riskontrati meta wiehed ikun beda t-tiswija, l-Qorti ssib illi huwa iktar gustifikat valur tal-karozza dannegjata fis-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1000).

Ghaldaqstant tistabillixxi illi t-telf li soffriet il-kumpanija attrici ghar-rigward biss il-vettura jammonta ghas-somma ta’ tlett elef, u hames mitt lira Maltin (Lm3,500).

Ghaldaqstant wara li l-Qorti tikkunsidra wkoll l-ispejjez in konnessjoni mas-survey, road accident report’ u d-danni kkawzati fis-sigra ghad-dannu tal-Ministeru ta’ l-Agrikoltura, tistabillixxi *arbitrio boni viri* l-ammont totali tad-danni sofferti mill-atturi a kawza tal-incident in kwistjoni fis-somma komplessiva ta’ tlett elef, hames mija, tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm3,523).

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi tilqa’ it-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett elef, hames mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm3,523) bl-imghax legali b’effett mit-28 ta’ Gunju, 2002.

Dwar l-ispejjez stante c-cirkostanzi tordna li dawn jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------